C/2025/1340

21.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11843 – ARES / MACQUARIE / DATA REALTY GROUP / PRIME DATA CENTERS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1340)

1. Fil-11 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ares Management Corporation ("Ares", l-Istati Uniti), bħalissa taħt il-kontroll aħħari ta' Ares Partners Holdco LLC ("Ares Partners", l-Istati Uniti),

— Wholesale DC Asset Holdings LLC ("WDCAH", l-Istati Uniti), bħalissa taħt il-kontroll aħħari ta' Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Istati Uniti),

— Data Realty Group ("DRG", l-Istati Uniti), proprjetà sħiħa ta' Data Realty Holding Corp (l-Istati Uniti).

— Prime Data Center LLC ("Prime Data Center", l-Istati Uniti), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn WDCAH u DRG.

Ares se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Prime.

Il-konċentrazzjoni ssir permezz ta' kuntratt jew kwalunwe mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ares hija maniġer ta' investiment alternattiv globali li joffri lill-klijenti soluzzjonijiet ta' investiment primarji u sekondarji komplementari fil-klassijiet ta' kreditu, ekwità privata, proprjetà immobbli u assi tal-infrastruttura.

— Macquarie huwa grupp finanzjarju diversifikat li jipprovdi lill-klijenti b'ġestjoni tal-assi u finanzi, banek, konsulenza u soluzzjonijiet ta' riskju u kapital fost id-dejn, l-ekwità, u l-komoditajiet. WDCAH hija kumpanija *holding* fi ħdan Macquarie li permezz tagħha għandha l-interess tagħha fi Prime Data Center.

— DRG hija fond ta' investiment li jinvesti globalment f'negozji li jaqdu l-ħtiġijiet tal-infrastruttura tad-data. L-istrateġija ta' investiment ta' DRG tiffoka fuq iċ-ċentri tad-data, inklużi l-operazzjonijiet u l-iżvilupp.

— Prime Data Center tipprovdi soluzzjonijiet ta' infrastruttura taċ-ċentri tad-data, li joffru faċilitajiet imfassla biex jappoġġaw il-ħtiġijiet tad-data tan-negozji, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà u s-sigurtà.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11843 – ARES / MACQUARIE / DATA REALTY GROUPG / PRIME DATA CENTER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË